SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

### Laqgħa Nru. 40/K8/17

Data tal-laqgħa: 14 ta' Diċembru 2017

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Albert Buttigieg – Viċi - Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Edgar Montanaro– Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Clayton Tanti Gregoracy - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (0)**

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Segretarja

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

40.1.01 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

40.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 39/K8/17 għall-approvazzjoni.

40.2.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li jsir korrezzjoni ta' item no. 39.5.02 sabiex jiżdiedu l-kliem gym equipment.

40.2.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 39/K8/17 bil-korrezzjoni li saret.

40.2.04 Il-Kunsillier Martin John Sultana ssekonda l-approvazzjoni tal-Minuti 39/K8/17 bil-korrezzjoni li saret.

40.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

40.2.05 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar il-Ground tal-Futbol ta' Ta' Ġiorni, jekk kienx hemm żviluppi, iżda huwa ġie nfurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li ma kienx hemm żviluppi.

40.2.06 Il-Kunsillier Martin John Sultana rringrazzja lill-kull min kien involut fir-rigward il-*coffee morning* li kien ta' suċċess. Is-Segretarju qal li m'għandhomx jsiru rigrazzjamenti fuq is-*social media* għal xi attivitajiet organizzati mill-Kunsill iżda għandu jkun hemm biss ringrazzjament ġenerali.

40.2.07 Iċ-Ċermen reġa fakkar li l-kunċert tal-Milied li ser jiġi organiżżat mis-Sur Paul Fenech ser issir nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 ġewwa l-Knisja ta' Lapsi. Is-Segetarju nforma lill-Kunsill li ser issir ħarġa għal Għawdex nhar is-Sibt 16 ta' Diċembru 2017. Kull min hu nteressat jista' japplika l-Kunsill sa mhux aktar tard mill-Ħamis 14 ta' Diċembru 2017.

40.2.08 Iċ-Ċermen qajjem il-punt dwar il-korrispondenza mingħand l-Onor. Silvio Parnis u nforma lill-Kunsill li ma kien hemm l-ebda suġġerimenti mingħand il-Kunsilliera.

40.2.09 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li hemm hearing ġewwa l-*Planning Authority* dwar id-dar li hemm Main Street. Din ser issir nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017. Kien hemm qbil li nitolbu lill-Viċi Sindku Dott. Albert Buttigieg biex jattendi f'isem il-Kunsill.

40.2.10 Is-Segretarju ppreżenta r-rapport fir-rigward il-punt li kien qajjem fil-laqgħa li għaddiet il-Kunsillier John Agius fir-rigward il-U-Shaped barriers. Huwa spjega lis-Sur Agius l-ammont li l-Kunsill qiegħed jirċievi dwar il-U-Shaped barriers li hawn fil-lokalita'. Is-Sur Agius offra li jiċċekkja hu min-naħa tiegħu mal-lista li ppreżenta s-Segretarju. Huwa għandu jinforma lill-Kunsill jekk dawn humiex kollha hemmhekk u li mhemmx żejjed.

**40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

40.3.01 Iċ-Ċermen qajjem l-punt li għandha ssir laqgħa f'Jannar fir-rigward l-attivita' ta' St. Patrick's Day. Din il-laqgħa għandha ssir fit-8 ta' Jannar 2018 mal-ħwienet u rappreżentat tal-GRTU.

**40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

40.4.01 Il-Kunsillier John Agius qajjem il-punt dwar l-ammont ta' €65,000 *defecit*. Is-Segretarju spjega li matul l-2016 kien hemm *defecit* għaliex l-Kunsill kellu spejjeż straordinarji fosthom l-kisi ta' parti minn Triq Wesgħet Agostino Savelli, kif ukoll l-flus dovuti mir-Reġjun daħlu wara Jannar 2017. Ta' min isemmi wkoll li l-Kunsill kien qed jagħmel użu mis-*surplus* akkumulat mis-snin ta' qabel u għalhekk l-index kien xorta pożitiv u tajjeb.

40.4.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana irringrazzja lill-Kunsill dwar ir-road markings li qed isiru ġewwa ta' Ta' Ġiorni.

40.4.03 Il-Kunsiller John Agius qajjem il-punt dwar l-ilma li hemm ħiereġ fi Triq San Ġorġ ħdejn il-ħanut li hemm taċ-ċinizi bl-isem YUE. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li dan diġa ġie rrapurtat lis-Sanita.

**40.5 Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2017**

40.5.01 Is-Segretarju ressaq ir-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2017 fejn ta spjegazzjoni tiegħu.

40.5.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2017.

40.5.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy ssekonda l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2017.

40.5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.6 Budget 2018**

40.6.01 Is-Segretarju ressaq il-Budget 2018 fejn ta spjegazzjoni tiegħu.

40.6.02 Il-Kunsillier Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Budget 2018.

40.6.03 Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul ssekondaha fl-approvazzjoni tal-Budget 2018.

40.6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.7 Approvazzjoni tat-tender dwar il-Proġett tat-taraġ fi Triq Scicluna**

40.7.01 Is-Segretarju spjega li t-tender tal-proġett tat-taraġ ta' Triq Scicluna għalaq u kien hemm applikazzjoni waħda biss. Huwa għadda t-tender lill-perit għall-evalwazzjoni tiegħu u wara li kien hemm bżonn xi kjarifikazzjoni min-naħa tal-offerent u din waslet, il-perit infurmana li stajna naċċettaw din l-offerta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**40.8 Talbiet żgħar;**

**40.8.01 Email mingħand J.Grima & Co. Ltd dwar Intercom quotations (Inc. 7651/17)**

40.8.01.01 Saret riferenza għall-email mingħand J.Grima & Co Ltd dwar Intercom quotations. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li tiġi aċċetata l-kwotazzjoni ta' bil-camera.

**40.8.02 Email mingħand MEUSAC dwar EU Funding Opportunity: Community Building at local level for integration. (Inc. 7338/17)**

40.8.02.01 Saret riferenza għall-email mingħand MEUSAC dwar EU Funding Opportunity: Community Building at local level for integration. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li unanimament is-Segretarju jikkordina l-applikazzjonijiet li rridu nissottomettu.

**40.8.03 Email mingħand il-Gelat D'Or dwar iż-żebra crossing fi Triq Ġorġ Borg Olivier (Inc. 7589/17)**

40.8.03.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Lorvic Xuereb f'isem Gelat D'Or dwar iż-żebra crossing fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li l-Kunsill ma jaqbilx mal-proposta tiegħu.

**40.8.04 Email mingħand is-Sur Tony Muscat dwar l-ATM at Ta' Ġiorni (Inc. 7849/17)**

40.8.04.01 Saret riferenza għall-email is-Sur Tony Muscat f'isem il-BOV dwar l-ATM ġewwa ta' Ta' Ġiorni. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa miegħu.

**40.8.05 Email mingħand is-Sur Darren Grasso f'isem il-MEUSAC dwar Follow up email. (Inc. 7904/17)**

40.8.05.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Darren Grasso f'isem il-MEUSAC. Din qed jieħu ħsiebha s-Segretarju.

**40.8.06 Email mingħand is-Sur Ainsley Cassar dwar talba biex issir dar għall-qtates ġewwa Ta' Ġiorni. (Inc. 7907/17)**

40.8.06.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Ainsley Cassar dwar talba biex issir dar għall-qtates ġewwa Ta' Ġiorni. Wara diskussjoni qasira il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi tip ta' xelter għall-qtates.

**40.8.07 Email mingħand is-Sur Christopher Deguara dwar l-isem ta' Triq Luigi Apap. (Inc. 7913/17)**

40.8.07.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sur Christopher Deguara f'isem l-*Street Naming Committee* dwar l-isem ta' Triq Luigi Apap. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li ninfurmaw lis-Sur Christopher Deguara li l-Kunsill qiegħed jaqbel mal-proposta tagħhom li parti mit-triq biss (il-parti fejn hemm l-Uffiċċju tal-Każin tal-Banda Spinola) tiġi msemmija Triq Francis Zammit.

**40.8.08 Email mingħand is-Sinjura Rebecca Debono dwar Hatha Yoga Alignment / Theraphy (Inc. 6357/17)**

40.8.08.01 Saret riferenza għall-email mingħand is-Sinjura Rebecca Debono, wara diskussjoni qasira il-Kunsill qabel li noffru l-ammont ta' €750.00 għall-għaxar lezzjonijiet għal mhux aktar minn 15 il-persuna.

**40.8.09 Email mingħand Fr. Claude Portelli dwar arbli tad-dawl fuq iz-zuntier tal-Knisja. (Inc 7959/17)**

48.8.09.01 Il-Kappillan Fr. Claude Portelli għamel talba sabiex jiġu reinstated l-fanali ġodda maz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill qabel li dawn isiru u jiġu integrati mal-proġett tat-taraġ tal-Knisja li għaliha qed issir l-applikazzjoni mal-UIF.

**40.8.10** Is-Segretarju ressaq l-*appraisal* tal-impjegati għall-approvazzjoni. Huwa ssuġġerixa li l-impjegati kollha għandhom jieħu l-*full performance bonus*. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati għandhom jingħataw l-*full performance bonus*. Is-Segretarju irringrazzja lill-Kunsill f'isem l-impjegati.

**40.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

40.09.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 38/KA2/17 għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

**40.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

40.10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (*Ara appendiċi 'A'*)

40.10.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

40.10.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli issekondatu.

**40.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

40.11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4323 sa 4328. (*Ara appendiċi 'B'*)

40.11.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**40.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

40.12.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 11 ta' Jannar 2018 fl-4.00p.m.

40.12.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

| | |
|---|---|
| **Guido Dalli**<br>**Ċermen** | **Paul Spiteri**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Data:** 11 ta' Jannar 2017